MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 8/2014

**Favell Wines & Spirits Limited – C37343**

**vs**

**Jimmy Bonello**

**It-Tribunal,**

**Ra** li fl-AVVIZ is-Socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut tigi kundannat ihallasha s-somma ta' elf erba' mija u hamsa u hamsin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€1,455.98c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, ma pprezentatx risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba izda deher ghas-seduta ta' llum.

Illi fl-istess seduta l-konvenut ammetta t-talba attrici kif dedotta u kkonferma li ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma elf erba' mija u hamsa u hamsin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€1,455.98c).

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta'

attrici s-somma ta’ elf erba’ mija u hamsa u hamsin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€1,455.98c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------